# Mill-Imgħoddi

(Kwotazzjonijiet minn ħarġiet mgħoddija ta' *Il-Malti* biex infakkru xi ideat li ppreżentaw ta' qabilna) – Miġbura minn Charles Briffa.

* "U hawn insibu ma' wiċċna dil-mistoqsija: u kif trabba l-ewwel saff Għarbi fil-lsien Malti? Qerdu l-Għarab ilsien il-Maltin u daħħlu floku, jew inkella laqqmu l-Malti b'tilqima Għarbija?" (P.P. Saydon, Ġunju 1929, p.64)

* "Din il-Għaqda, għaldaqshekk, il-lum rabbiet bħal jedd li tibqa', u dan il-jedd iġib miegħu jedd ieħor, li l-kelma tagħha tkun mismugħa." (Dun Karm, Settembru 1929, p.68)

* "L-alfabett u l-ortografija ta' l-Għaqda għoġbu lil ħafna studjużi magħrufa ta' l-ilsna orjentali, fosthom insemmi… lir-Rev. Rafel Nakhla S.J. ta' Bejrut, li meta ġie f'idejh *Il-Malti* sejjaħ il-lsien tagħna l-iżjed letterarju fost id-djaletti Għarbin." (F.S. Caruana, Diċembru 1929, p.102)

* "Il-poeżija tirbaħ bil-ġmiel, trabbi bil-ħlewwa." (Dun Karm, Marzu 1930. p.3)

* "Iva, jixraq ħafna li tispiċċa din il-fehma li għandna, hawn Malta, illi bil-Malti jista' kulħadd jikteb kif irid u jkun kiteb tajjeb." (Dun Karm, Settembru 1934, p.97)

* "Il-kelma letterarja, bħalma għedna drabijiet oħra, hi l-libsa - mhux il-għata - tal-ħsieb." (Dun Karm, Marzu 1939, p.3)

* "U sar ftehim għaqli bejn il-ħaddiema, u x-xogħol tqassam u tqiegħed fuq sisien tajba: min ħa f'idejh il-ħidma ta' l-art, biex bis-saqi u bl-inqix iżommilha dejjem it-tira; min ħa ż-żabra u t-tilqim; min ħa l-irmindar, jiġifieri t-tneħħija ta' weraq niexef u ta' xi fergħa bagħlija; min il-ħsieb tad-dakra, min il-qirda tad-dud, u min il-ħars ta' l-għejun, tar-rimi, u tal-ward li kien diġà beda jidher. Fis-sena 1925 deher xi frott li għalkemm ħadrani, kien f'saħħtu; u x-xitla bdiet tiftaħ iżjed fil-frieghi, tisbieħ f'xuxitha u kull sena tistagħna iżjed fil-frott." (Dun Karm, Diċembru 1939, p.78-79)



# Nintervistaw lil Ġorġ Pisani

Minn Dr Charles Briffa

(23.3.1998)



1. *Kif tfisser l-iżvilupp fil-kitba bil-Malti matul is-Seklu XX?*
   Hawn Malta ġara dak li ġara f'pajjiżi oħra, per eżempju l-Italja. Ma' l-iżvilupp tas-sentiment nazzjonali beda jiżviluppa ruħu wkoll is-sentiment letterarju.

2. *Kemm temmen fl-implikazzjoni ta' l-isem* Evviva l-Ħajja?
   *Evviva l-Ħajja* ried jagħti kwadru tal-ħajja b'dak kollu sabiħ u attraenti li fiha il-ħajja u jekk jista' jkun, iħalli barra l-aspetti bla gost ta' l-eżistenza umana.

3. *"Iż-żgħożija" huwa suġġett komuni fil-kitba bikrija tiegħek. Kif tħares lejn iż-żgħożija l-lum?*
   Iż-żgħażagħ tal-lum mogħtija għal ħajja ta' ferħ u ta' pjaċir, b'dana kollu, b'xorti tajba, huma jafu jxammru idejhom biex jiddefendu meta jkun hemm bżonn lil pajjiżhom b'mod tassew erojku u ta' min jammirah.

4. *F'*Żerniq fuq l-Għoljiet *int spiċċajt b'referenza għall-"miraklu ta' l-imħabba." Kif tifhem li l-imħabba hija miraklu?*
   L-imħabba hija l-akbar miraklu li jista' jitwettaq fid-dinja. Hija għandha s-saħħa twitti l-muntanji tal-firda u tal-mibegħda u tagħmel mid-dinja baħar ta' paċi u ta' trankwillità.

5. *Poeżiji, novelli, kummiedji, rumanzi, esejs – kollox ktibt minn dawn. Imma liema l-aktar li taħseb li jixraq għall-burdati tiegħek?*
   Għall-burdati tiegħi naħseb illi l-aktar li jsib espressjoni hu l-ktieb *Melodiji u Kuluri* għaliex fih kliem minn diversi lingwi.

6. *Jien irrid ngħid li għalik il-poeżija aktar tfisser* l-Għid taż-Żgħożija *milli* Melodija u Kuluri. *Taqbel?*
   Jidhirli illi l-poeżija ta' l-*Għid taż-Żgħożija* hija iktar espressiva ta' dak li